**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 22 ta' Marzu 2018**

**Talba Nru: 410/17 CZ**

**Perit Philip Azzopardi**

**vs.**

**Dr. John Casaletto**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur imressqa fl-1 ta' Settembru 2017 li permezz taghha ppremetta:

Illi l-esponenti gie ingaggat bhala Perit mill-intimat sbiex jottjeni pemess mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar fuq il-fond Villa Massabielle, 11, Triq Victoria Lines, Naxxar, liema servizzi minnu mitlub huwa esegwixxa.

Illi l-intimat huwa debitur ta' l-esponenti ghas-somma ta' €1615 oltre l-imghax legali, limea ammont huwa bilanc minn somma akbar u dan bhala pagament ghas-servizzi minnu rezi.

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut..

Illi minkejja li l-intimat gie debitament interpellat permezz ta' l-ittra ufficcjali 1101/2017 sabiex ihallas l-ammont minnu dovut huwa xorta wahda baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant l-esponenti qieghed jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li jidhirlu xierqa u opportuna jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi:

1. Jiddikjara illi l-intimat huwa debitur ta' l-esponenti fis-somma ta' €1615 oltre l-imghax legali.
2. Jikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' €1615 oltre l-imghax legali lill-esponenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa ingunt ghas-subizzjoni, inkuz l-ispejjez ta' l-ittra ufficcjali numru 1101/17.

Illi permezz ta' risposta mressqa fit-3 t'Ottubru 2017, il-konvenut wiegeb:

1) Illi fl-ewwel lok, l-eccipjent hallas lill-attur pjenament ghas-servizzi professjonali rezi lill-istess eccipjenti, u l-ammont reklamat mill-attur jirraprezenta drittijiet dovuti lill-istess attur minn Adrian Agius, u mhux mill-eccipjent;
2) Illi bla hsara ghas-sueccepit, l-eccipjenti mhux obbligat la ma' u lanqas ghal Adrian Agius ghall-hlas pretiz mill-attur.
3) Illi wkoll bla hsara ghas-sueccepit, l-eccipjenti m'ghandu jhallas xejn lill-attur, u ghalhekk l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

   Bl-ispejjez, inkluz dawk relatati ma' l-ittra ufficcjali bin-numru 1101/2017 mressqa a tenur ta' l-Ariklu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, kontra l-attur, li hu minn issa ingunt in subizzjoni.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra illi fis-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2017 awtorizzat lill-konvenut jeccepixxi ulterjorment il-preskrizzjoni.

Ra n-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li pmerzz taghha eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2149 (c) tal-Kodici Civili.

Ra x-xiehda ta' l-**attur** (fol. 15 u 46), u tal-**konvenut** (fol. 48).

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm ta' l-abbli avukati difensuri tal-partijiet dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata ulterjorment mill-konvenut;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawa fejn l-attur, bhala perit, qed jitlob hlas ghal xoghol li ghamel fl-interess tal-konvenut fuq propjeta' fin-Naxxar.

Illi rrizulta illi dejjem b'referenza ghal din l-istess propjeta', l-attur kien ghad baqaghlu jithallas minghand sidha Adrian Agius xi hlasijiet ghal xoghol li kien ghamillu, konsistenti principalment fi sketches ghal tibdil fil-villa.

Illi rrizulta wkoll illi peress li l-villa kienet inbniet b'mod differenti minn dak li kien mahsub fil-pjanti approvati, il-konvenut kien istruwixxa lill-attur sabiex jitlob *sanctioning* tad-differenzi li kien hemm. Qabel dan kollu, pero', l-attur kien esiga illi l-konvenut ihallas nofs il-kont li kien dovut minn sid il-villa Adrian Agius, liema nofs kien jammonta ghal elf, erba' mija u sebgha sittin Euro (€1,467) hekk kif jirrizulta anke mid-dokument ossia kont li kien hareg l-attur misjub a fol. 3 tal-process.

Illi fuq dan il-punt il-partijiet ma qablux. Filwaqt li l-attur jishaq illi l-konvenut kien accetta li jhallas dan in-nofs, il-konvenut min-naha l-ohra jsostni illi ma jaqbilx li kellu jhallas dan in-nofs tal-kont, ghaliex finalment ix-xoghol li ghamel il-perit fuq il-post ma kellu x'jaqsam xejn max-xoghol l-antik u l-pjanti l-antiki ma kellhomx ghalfejn jintuzaw, u dan peress li ntalab *sanctioning* ta' dak li kien hemm diga'. Il-konvenut jargumenta ghalhekk illi jekk l-attur kien qed jesigi li l-konvenut ihallas nofs l-ammont ta' Agius, dan kien qed jesigieh ghalxejn, ghaliex ma kien hemm l-ebda rabta bejn ix-xoghol ta' Agius u x-xoghol li talab hu.

Illi wara li nstema' jixhed l-attur, il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini ta' l-Artikolu 2149 (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi rrizulta illi x-xoghol li ghamel l-attur fl-interess ta' Adrian Agius sar fl-2013[1]. Irrizulta inoltre illi l-attur lil Agius ma nterpellahx ghall-hlas jew proceda kontrieh, ghaliex skond hu, dan Agis kien irrintraccabbli u kien hemm ukoll diversi persuni li kienu qed jigru warajh ghall-hlas. Fi kliemu stess, x'hin ra l-interess ral-konvenut fil-propjeta', ha l-opportunita' sabiex ghall-inqas 'jiehu xi haga', u kien f'dan il-kuntest li talab lill-konvenut nofs l-ammont li kien dovut minn Agius.

Illi f'dan il-punt it-Tribunal jehtieg biss ghalhekk jistharreg jekk dan l-ammont li kien dovut minn Agius giex affetwat mill-preskrizzjoni tas-sentejn sollevata mill-konvenut.

Illi l-Artikolu 2149 (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

> L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:
> ............
> (ċ) l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu;

Illi gie stabbilit b'mod car illi l-attur kien qed jagixxi bhala perit, u ghalhekk kien wiehed mill-persuni li jsemmi l-artikolu appena citat. Illi fir-rigward ta' din l-eccezzjoni partikolari, intqal hekk fis-sentenza Perit Valerio Schembri vs.Samuel Camilleri[2]:

[1] Xiehda ta' l-attur, fol. 7 tal-process
[2] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta' Dicembru 2012, per Magistrat Dr. C. Scerri Herrera

B'referenza ghas-sentenza li nghatat fit-30 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet 'Stencil Pave (Malta) Limited Vs Kunsill Lokali Naxxar' fejn inghad li: "Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda zzmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq ilkawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq;" Fil-fatt dan hu l-istess insenjament li jirrizulta missentenza moghtija wkoll minn dik il-Qorti fit-22 ta' Gunju 2005 fl-ismijiet 'Luciano Martinelli noe vs Saviour Pisani' fejn gie ritenut li: "Skond certu orjentament gurisprudenzjali "l-vera posizzjoni, f' kaz ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni li timporta prezunzjoni tal-pagament, hija din: kif tigi opposta l-preskrizzjoni, l-attur jista' jikkumbattiha jew billi jaghti lgurament lill-konvenut, jew b' xi wiehed mill-mezzi fuq imsemmija jigifieri, l-inammissibilita`, is-sospensjoni jew interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Invece, skond orjentament iehor "min jaghti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju skond liema terminu preskrittiv ikun applikabbli. Ikun imbaghad jispetta lill-attur-kreditur li jiddefendi lilu nnifsu billi jaghzel it-triq u l-mezzi li taghtih il-ligi biex jinnewtralizza tali eccezzjoni. Dan l-ahhar insenjament jaghmel aktar sens guridiku. LArtikolu 2107 (2), Kodici Civili jipprovdi li "l-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi; Innegabilment, l-accertament tad-dekorrenza taz-zmien tikkostitwixxi indagini ta' fatt u dan jimporta illi inizzjalment jinkombi fuq il-konvenut li jissolleva l-preskrizzjoni, li ghandu, bhala fatt, jissodisfa, bi prova essenzjali, li tterminu statutorju preskrittiv kien ghadda. Wiehed ma jridx jinsa li l-element kostituttiv ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi l-manifestazzjoni, f'sens inekwivoku, tal-volonta` tal-parti li ggib 'il quddiem l-estinzjoni bid-dekors taz-zmien tal-kreditu azzjonat fil-konfront tieghu. U allura logikament hu mistenni li l-konvenut jiddeduci, in sostenn tad-difiza tieghu, prova tad-data tad-dekorrenza ghall-iskop talkomputa tal-perijodu preskrizzjonali;" Il-preskrizzjoni hija stitut li huwa proceduralment mehtieg daqskemm huwa odjuz, u meta gudikant jigi mitlub jiddeciedi fuq eccezzjoni tal-preskrizzjoni, irid jasal ghallfehma tieghu fuq fatti cari u mhux kongetturi. Iz-zmien talpreskrizzjoni, dan jibda' jghaddi minn dak inhar li l-azzjoni tista' titressaq u l-parti mharrka trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq; Il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifika mressqa mill-imharrek u ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti), ghaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qeghda tindahal u "tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva". (vide 'Victor Portelli vs Mark Psaila', deciza 29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili) L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita' taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent.

Illi ghandu jinghad inoltre illi l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenut, fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu, mhumiex inkompatibbli ma' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, in

kwantu l-konvenut iddikjara li m'ghandu jhallas xejn lill-attur. Dan qed jinghad peress illi kif gie ritenut mill-qrati nostrani, il-konvenut jista' jirrinunzja ghall-preskrizzjoni b'ghemil tieghu stess, anke permezz ta' xi eccezzjoni ohra li jaghti fil-mertu, flimkien ma' dik tal-preskrizzjoni. Gie tajjeb spejgat fis-sentenza fuq citata[3], illi:

> Illi hawn issir referenza ghall dak li nghad fis-sentenza "Dr. Toni Abela nomine vs Maurice Vassallo" (A.C. 19 ta' Mejju 2000) fis-sens li nghad "li kieku l-konvenut xehed li m'ghandhux jaghti flus lill-attur nomine u lanqas ftakar li ghandhu jtih, u waqaf hemm bla htiega ta' spjegazzjoni ulterjuri, allura eccezzjoni tieghu kienet certament tregi imma hawn si tratta ta' persuna li qeghda tistqarr bic-car bil-gurament taghha li ma hallsitx" u allura f'kaz bhal dan mhux iktar opponibbli ghall-azzjoni tal-attur l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ghaliex b'hekk l-konvenut, bhal dan il-kaz, pogga ruhu b'att tieghu spontaneu, kif kontenut fiddikjarazzjoni u risposta tieghu, fi stat ta' fatt li jirrendi nkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-prezunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u f'dan is-sens issir referenza ghas-sentenzi "Zammit & Cachia Trading Co. Ltd et vs Francis Mizzi" (A.I.C. (PS) – 7 ta' Dcembru 2005) u "Austin Psaila vs Lother Slabick" (A.I.C. (PS) – 9 ta' Frar 2005).

Illi t-Tribunal irid jistharreg ghalhekk jekk jezistux l-elementi ta' din il-preskrizzjoni partikolari, u jekk il-konvenut b'xi mod irrinunzjax ghaliha. Ghandu jinghad illi fi kliem l-attur stess, ix-xoghol ghal Adrian Agius sar fl-2013, filwaqt li l-ewwel domanda gudizzjarja li ghamel hija permezz tal-kawza odjerna, li saret fl-1 ta' Settembru 2017, sew wara sentejn minn mindu sar ix-xoghol fl-interess ta' Agius. Formalment, ghalhekk, jidher li l-preskrizzjoni ghandha tregi. Il-konvenut, ghalkemm ghamel xi pagamenti lill-attur ghax-xoghol li kien ghamillu, ma jidhirx li qatt, lanqas fil-messaggi esebiti, accetta li ghandu jhallas in-nofs tal-kont ta' Agius. F'kull kaz dan kien dejn ta' haddiehor, kif baqa' jipprezentah fuq kollox anke l-attur innifsu fil-kontijiet li ghamel (fol. 3), u ma jidhirx li qatt, formalment jew mod iehor, il-konvenut assuma dan id-dejn, jew parti minnu.

[3] Ibid.

Illi t-Tribunal lanqas ma jara li fil-ftehim allegat mill-attur hemm xi element ta' novazzjoni kif irid l-Artiklu 1179 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan principalment minhabba li d-debitur Agius qatt ma gie mehlus mid-dejn mill-attur.

Illi ladarba ma kienx hemm novazzjoni, jew il-konvenut assuma d-dejn in partikolari minflok Agius, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tregi, u t-Tribunal ser jilqa' din l-eccezzjoni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut, u jichad it-talba ta' l-attur ghall-hlas ta' l-ammont ta' elf, erba' mija u sebgha w sittin Euro (€1,467); izda peress li l-ammont originarjament mitlub mill-attur huwa ta' elf, sitt mija u hmistax-il Euro (€1,615) li parti minnu biss, u cioe' l-ammont ta' elf, erba' mija u sebgha u sitin Euro (€1,467) gie indirizzat bis-sentenza tal-lum, jordna l-prosegwiment tal-kawza dwar il-bilanc fil-mertu ta' mija u tmienja w erbghin Euro (€148).

L-ispejjez huma riservati ghas-sentenza finali.

**Dr. Claudio Żammit**

**Ġudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur

< Sentenza in parte >